# PADRE OTTOMANO

Ta' ALFIE GUILLAUMIER

*L-ewwel Taqsima*

## IL-QABDA TAL-GALJUN

Imgħarraf mill-baxxara tiegħu f'Kostantinopli, li t-Torok kienu varaw galjun kbir li ssemma "Gran Sultana", il-Gran Mastru Lascris amar li l-flotta ta' l-Ordni għandha toħroġ tħuf lejn dawk l-inħawi biex tara x'tista' titkixxef.

Fit-18 ta' Awissu 1644 salpat minn Malta din l-imbierka skwadra li kienet magħmula minn sitt iġfien — il-Kaptana, il-Padruna Santa Marija, is-San Ġwann, is-San Ġużepp, is-San Lawrenz u l-Vitorja. Kienu jriġuhom kavalieri ta' ħila li fl-imgħoddi kellhom esperjenzi koroh fuq il-baħar.

Fit-28 ta' Settembru, l-iskwadra Maltija kienet tinsab sebgħin mil fuq ir-riħ ta' Rodi, meta lemħet ġifen ta' kobor bla qies — imbagħad raw ieħor iżgħar, tnejn oħra u fl-aħħar ħamsa f'salt. Ta' l-Ordni kienu sitta, kontra disa' Torok, u din kienet turi li ġejja ġlieda sproporzjonata.

Tagħna ma qatgħux qalbhom u' heijew għat-taqbida, iżda t-Torok lanqas beżgħu. Kienet ħaġa naturali li tagħna tefgħu għajnejhom fuq il-kbir għax tassew kien fih priża, imma l-kbir kien għadma iebsa u mhux għalkemm tħares lejh. Ma damitx ma qamet taqbida tal-biża'. Resaq ix-xini Santa Marija; kellu jerġa' lura. Resqet il-Vitorja — tbiegħdet ukoll. Daħal is-San Lawrenz, u ħa sehmu wkoll. Tiġi l-Kaptana u titfagħlu kemm kellha. It-Torok bdew jitħawdu, jerġgħu jersqu s-Santa Marija u l-Vitorja. Bdiet tikber il-ġlieda u erba' mitt ruħ minn tagħna ke'lhom il-ħila jitilgħulu. Bdiet fuqu taqtigħa ħarxa. Jilħqu x-xwieni San Ġwann u San Ġużepp; jitfgħu n-nies fuq il-Gran Galjun — jikber kollox; nies u feruti u mejtin mill-banda l-waħda u l-oħra. Il-Ġeneral tax-xwieni mar għand Alla; jagħtu dejjem; it-Torok bdiet terħi, terħi de'jem, terħi;u wara seba' sigħat tagħna tellgħu fuqu l-bandiera tas-salib. Priża kbira, għanja. Dan biex ma nsemmux il-ġfien l-oħra wkoll li tagħna kellhom jitqabdu magħhom.

F'din it-taqbida ntilfu wisq nies, l-iżjed min-naħa tat-Torok li minn ekwipaġġ ta' 1,400 ruħ mill-aqwa ma kienx baqa' aktar minn 300 ruħ. Kienet rebħa kbira wisq għal'-Insara kif irriżulta aktar 'il quddiem, għadilli tagħna kienu tilfu 409, il-biċċa -kbira minnhom baħrin u suldati Maltin.

Megħlub il-Galjun u maħsul bid-demm tal-ġellieda Torok u Nsara, tagħna bdew iduruh u jaraw x'se jisirqu minnu. Kien gal-un il-ġmiel tiegħu li bħalu qatt ma kien għadu deher f'wiċċ il-baħar. Meta fetħu l-kamra l-kbira tal-poppa, baqgħu mistagħġba bl-għana u l-ġmiel li raw. Hemm instabu tapezzeriji, važetti tad-deheb u tal-fidda, ġojjelli kbar li kienu stivati f'280 kexxun kbir — dawn kienu stmati mat-3 miljun ewwieq deheb; ma' dawn trid iżżid 40 elf zekkin Tork; xogħol tal-fidda maħdum, instabu b'kemm jiswew 20 elf zekkin, fiimkien ma' djamanti, smera'di, topazji u rubini mill-akbar kien hemm mal-5 elef zekkin. Hawn ma semmejniex il-ġid persunali tal-Kapijiet li kien hemm fuqu.

Minbarra dan kollu, instabu fuqu 40 damiġella mlibbsin bl-ogħna ħarir tal-lvant, fosthom kien hemm waħda sabiħa wisq, mitlufa minn sensiha b'tifel ta' sentejn imqabbad magħha.

Malajr ġriet l-aħbar li dik il-mara kienet is-Sultana Zafira u li dik it-tarbija kien binha Osman, l-iben ewlieni ta' Ibrahim, is-Sultan tat-Torok. Il-Kavalieri ma setgħux jemmnu dak li semgħu, għadilli kienu żguri li galjun hekk rikk bilfors kien hemm fuqu xi persuna stmata. Minsubin f'qagħda bejn ħaltejn, il-Kavalieri kellhom iħallu dil-biċċa għal aktar 'il quddiem meta forsi jitfaċċaw xi ċirkostanzi li minnhom jirriżultaw il-verità tal-fatti.

Rebbiħin u trijonfali, il-Kavalieri riedu jeħilsu l-priża tagħhom, billi jkaxkru magħhom dak li kien baqa' mill-ġfien Torok u jġibuhom lejn Malta. Imma biċċa bħal din kienet titlob xogħol wisq, l-iktar li bosta minnhom kellhom ħsarat wisq, li saħansitra ġifen minnhom għereq wara ftit. Dwar il-Gran Galjun, il-Kavalieri riedu jagħmlu figura sabiħa quddiem il-Gran Mastru u juruh ħilithom, għalhekk qabdu u rabtuh bejn żewġt iġfien u dawru l-pruwa lejn Malta. Imma dan kien impossibbli biex ikaxkruh, l-iktar li l-baħar kien ftit imħarrek, u xi ftit tal-ilma kien dieħel fih ġmielu. Għamlu Kunsill ippresjedut minn Fra Nikola Kottoner, li l-galjun għandu jinnaviga waħdu bla rmonk, armawh kif setgħu bil-qlugħ, bis-suldati u baħrin taħt il-kmand tal-Kavalieri Fra Ġwanni Venmilla u Fra Pietru Trevillade. Il-flotta ta' l-Ordni telqet, iżda l-Galjun beda jagħmel l-ilma għaliex kien ġarrab ħsarat kbar. Il-Kavalieri mitt darba tħajru jerħu l-mirkeb, imma l-baħrin Maltin ma ridux iħallu priża hekk kbira. Għalhekk niżlu fil-istivi biex jaraw kif isoddu dawk il-bosta toqob li saru bil-balal, b'kull ma sabu taħt idejhom. B'din it-tiswija ħafifa li sarlu, il-Galjun seta' jkompli triqtu.

Kien fit-3 ta' Ottubru meta f'daqqa waħda qamet tempesta kbira li saħansitra beżgħu li jintilfu. Jumejn wara lemħu Kandja,

u ferħu għaliex setgħu jieħdu kenn fil-port ta' hemm, iżda l-Gvernatur ta' Kandja għarrafhom li jfittxu joħorġu mill-aktar fiss billi skond il-ftehim li kellu mal-Gran Sinjur, hu ma setax igħinhom. Bil-qalb it-tajba l-iskwadra marret sorġiet band'oħra, u meta t-tempesta ikkwetat, huma ġibdu lejn il-Punent, u fit-22 ta' Ottubru waslet Sqallija. Bil-għajnuna t'Alla, fit-3 ta' Novembru, il-Galjun daħal fil-port ta' Malta, u ferħu n-nies ta' fuqu għaliex kienu waslu bis-sliema.

Malli s-sentinella ta' Sant'Jermu lemħu l-iġfien ta' l-Ordni bil-bnadar iperpru u l-qlugħ miftuħ kollu jitfaċċaw fuq ix-xefaq, għamel sinjal li għalih wieġbu il-Kbarat kollha. Malajr imxiet il-kelma fost il-poplu li niżel ix-xatt, il-ħwienet kollha għalqu — ifful-lati bin-nies, qniepen idoqqu, nies ixejru u jibku bil-ferħ.

Hekk kif il-Galjun mistrieħ fuq żewġt iġfien ta' l-Ordni, li ħdejh dehru qishom nitfa, daħal fil-port, Sant'Anġlu spara salut u miegħu akkompanjawh il-fortizzi l-oħra. Sal-Gran Mastru stess niżel ix-xatt jilqa' lill-Kavalieri rebbeħin, igħannaqhom u ħadhom il-Palazz fost id-daqq tat-tnabar u l-fifri.

Lis-Sultana Zafira u lil binha Osman flimkien mad-damiġelli li kellha magħha poġġewhom f'dar għalihom biex hekk jitkixxfu jekk hux minnu dak li semgħu fuq dawk it-tnejn min-nies. Biex jitkixxfu s-sewwa, il-Gran Mastru kien qiegħed l-għassa wara l-bieb biex ikun jaf min jidħol u min joħroġ minn dik id-dar u anki d-damiġelli li kien hemm, ilkoll tawhom tislim reali u indirizzawha bħala sultana u lil binha, prinċep.

Fis-6 ta' Jannar 1645, Zafira mietet u ħalliet urajha lil binha Osman, dejjem f'idejn id-destin li kien hemm imħejji għalih.

Imma issa l-Gran Mastru u l-Kavalieri kienu żguri li dawk it-tnejn min-nies kienu Sultana u Prinċep. Ma kienx għad fadal dubju aktar, l-iktar li wieħed mill-ilsiera waqt li kien qed imut, talab li jara s-Sultan tiegħu. Dan u bosta provi oħra ikkonfermaw kif għad naraw aktar il quddiem, kienu biżżejjed biex il-Gran Mastru jagħti l-ogħla ġieh lil dawn it-tnejn min-nies.

Lit-tifel Osman ħa ħsiebu l-Gran Mastru u kien jistiednu miegħu saħansitra għall-ikel u anki joqgħod jilgħab miegħu. Dan nistgħu ngħidu li hu l-bidu ta' l-adottazzjoni tat-tfal mill-Gran Mastru li maż-żmien kellu jsir l-aktar figura importanti fl-Ewropa, u biex nuża l-istess kliem ta' Sir Harry Luke, li hu kien "plaything of Western capitals and Courts, figurehead of a fanatic political adventure, and victim of the plague", kif għad naraw fl-aħħar.

F'taħdita oħra naraw lil Osman isir Patri Dumnikan.